żmien determinat għal wieħed għal żmien indeterminat, hija leġittima, tipprekludi s-sistema nazzjonali tal-istabilizzazzjoni tal-impjiegi prekarji (Artikolu 1, paragrafu 519 tal-liġi Nru 296/2006) li ppermettiet l-ingaġġ dirett għal żmien indeterminat tal-ħaddiema li jkunu diġà ingaġġati, b'deroga għar-regola tal-kompetizzjoni ġenerali, iżda bit-tixjin tal-anzjanità miksuba fl-attività għal żmien determinat, jew, min-naħa l-oħra, it-telf tal-anzjanità prevista mil-leġiżlatur nazzjonali taqa' taħt id-deroga ġġustifikata "fuq bażi [għal raġunijiet] oġġettivi" li għandha terġa titqajjem f'każ ta' ħtieġa sabiex jiġi evitat li l-integrazzjoni tal-ħaddiema prekarji fil-kuntest permanenti ma jkunx ta' detriment għall-ħaddiema li huma diġà permanenti, li jkun il-każ jekk il-ħaddiema prekarji jżommu l-anzjanità miksuba?;

(2) Il-klawżola 4(4) tal-Anness tad-Direttiva 1999/70/KE, li tipprovdi li "[k]walifiki ta' perjodu ta' servizz relatati għall-kondizzjonijiet partikolari ta' l-impjieg għandhom ikunu l-istess għal ħaddiema għal terminu fiss [żmien determinat] kif ukoll għal ħaddiema permanenti ħlief meta kwalifiki ta' tul ta' servizz differenti huma ġustifikati fuq bażi [għal raġunijiet] oġġettivi", meta moqrija flimkien mal-klawżola 5, kif diġà ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, li skont din, il-leġiżlazzjoni Taljana li, fl-impjieg pubbliku, tipprojbixxi l-konverżjoni ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat għal wieħed għal żmien indeterminat hija leġittima, tipprekludi l-leġiżlazzjoni nazzjonali li, bla ħsara għall-ksib tal-anzjanità matul ir-relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat, tipprevedi t-tmiem tal-kuntratt għal żmien fiss u l-bidu ta' kuntratt ġdid għal żmien indeterminat, differenti minn dak preċedenti u mingħajr konservazzjoni tal-anzjanità miksuba (Artikolu 1, paragrafu 519, tal-liġi Nru 296/2006)?

---

[1] ĠU L 175, p. 43.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ġunju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Finlandja**

**(Kawża C-309/11)**

(2011/C 252/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Koskinen u L. Lozano Palacios)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Finlandja

### Talbiet

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghġobha:

— tikkonstata li, billi applikat is-sistema partikolari tal-aġenziji tal-ivvjaġġar stabbilita fl-Artikolu 80 tal-Liġi Nru 1501/1993 dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (*arvonlisäverolaki*), għal servizzi ta' vvjaġġar li jinbiegħu lil persuna oħra għajr il-vjaġġatur, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 306 sa 310 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE [1] dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Finlandja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tqis li, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE, is-sistema partikolari tal-aġenziji tal-ivvjaġġar tapplika biss meta s-servizzi ta' vvjaġġar jinbiegħu lil vjaġġaturi. Ir-Repubblika tal-Finlandja tikser l-imsemmija direttiva billi tapplika wkoll din is-sistema fir-rigward ta' servizzi li l-aġenziji tal-ivvjaġġar jipprovdu lil xulxin jew jipprovdu lil vjaġġaturi.

---

[1] ĠU L 347, p. 1

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(Kawża C-313/11)**

(2011/C 252/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Bianchi u A. Szmytkowska, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja

### Talbiet

— tiddikjara li, bl-introduzzjoni tal-projbizzjoni tal-manifattura, tat-tqegħid fis-suq u tal-użu għall-ikel tal-annimali fil-Polonja ta' għalf immodifikat ġenetikament u ta' organiżmi mmodifikati ġenetikament intiżi għall-użu tal-għalf, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 16(5), 19, 20 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament; [1]

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tilmenta li, billi adottat il-liġi nazzjonali dwar l-għalf li tipprojbixxi l-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu għall-ikel tal-annimali fil-Polonja ta' għalf immodifikat ġenetikament u ta' organiżmi mmodifikati ġenetikament intiżi għall-użu tal-għalf, ir-Repubbika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt ir-Regolament Nru 1829/2003. Bħala konsegwenza tal-adozzjoni ta' dan ir-regolament, li jintroduċi armonizzazzjoni sħiħa fil-qasam ta' awtorizzazzjonijiet ta' għalf GMO f'livell tal-Unjoni, il-Polonja ma tistax tadotta dispożizzjonijiet legali li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq, l-użu u l-manifattura fit-territorju tagħha ta' prodotti li huma suġġetti għal tali awtorizzazzjonijiet. B'mod speċifiku, il-Polonja kisret:

— l-Artikolu 16(5) tar-Regolament Nru 1829/2003, li jipprovdi li l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, l-użu jew l-ipproċessar ta' GMOs għall-użu bħala għalf, għal għalf li fih jew jikkonsisti minn GMOs u għalf prodott minn GMOs għandha tingħata, tiġi rrifjutata, imġedda, immodifikata, sospiża jew revokata biss għar-raġunijiet imsemmija fir-regolament u skont il-proċeduri stabbiliti fih;

— l-Artikolu 19 tar-regolament, li jipprovdi li hija l-Kummissjoni li għandha s-setgħa toħroġ l-awtorizzazzjonijiet;

— l-Artikolu 20 tar-regolament, li jistipula li prodotti diġà mqegħda fuq is-suq u awtorizzati bis-saħħa tal-liġi fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament huma meqjusa bħala awtorizzati fis-sens tar-regolament;

— l-Artikolu 34 tar-regolament (klawżola dwar miżuri protettivi), dispożizzjoni li, fid-dawl tal-armonizzazzjoni sħiħa tal-qasam inkwistjoni, tikkostitwixxi l-unika possibbiltà għall-adozzjoni ta' miżuri ta' emerġenza intiżi li jissospendu jew jimmodifikaw awtorizzazzjoni li ngħatat.

F'dan ir-rigward huwa irrilevanti li d-dħul fis-seħħ tal-proj-bizzjoni inkwistjoni ġie pospost taħt il-liġi nazzjonali, għaliex l-adozzjoni stess mil-leġiżlatura tad-dispożizzjonijiet ikkontestati li huma kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni Ewropea u l-publikazzjoni tagħhom jiksru l-obbligi tar-Repubblika tal-Polonja imposti bir-regolament.

(1) ĠU 2003 L 268, p. 1

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen Sad — Varna (il-Bulgarija) fis-27 ta' Ġunju 2011 — "Digitalnet" OOD vs Nachalnik na Mitnicheski punkt — Varna Zapad pri Mitnitsi Varna**

**(Kawża C-320/11)**

(2011/C 252/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen Sad–Varna

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* "Digitalnet" OOD

*Konvenut:* Nachalnik na Mitnicheski punkt — Varna Zapad pri Mitnitsi Varna (direttur tal-post tad-dwana "Varna tal-Punent" fi ħdan id-dwana ta' Varna)

**Domandi preliminari**

(1) X'għandu jinfthiem b'"Internet"fis-sens tan-noti ta' spjega għan-nomenklatura magħquda tal-Unjoni Ewropea għall-2009 (Regolament tal-Kummissjoni Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008 [1]), ippubblikati fit-30 ta' Mejju 2008 (C 133, p. 1, emenda li tikkonċerna s-subtitli 8528 90 00, 8528 71 13 u 8528 71 90), sabiex oġġett jiġi kklasifikat taħt il-kodiċi TARIC 8528 71 13 00?

(2) X'għandu jinfthiem b'"mowdem" fis-sens tan-noti ta' spjega għan-nomenklatura magħquda tal-Unjoni Ewropea għall-2009 (Regolament tal-Kummissjoni Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008), ippubblikati fit-30 ta' Mejju 2008 (C 133, p. 1, emenda li tikkonċerna s-subtitli 8528 90 00, 8528 71 13 u 8528 71 90), sabiex oġġett jiġi kklasifikat taħt il-kodiċi TARIC 8528 71 13 00?

(3) X'għandu jinfthiem b'"modulazzjoni" u "demodulazzjoni" fis-sens tan-noti ta' spjega għan-nomenklatura magħquda tal-Unjoni Ewropea għall-2009 (Regolament tal-Kummissjoni Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008), ippubblikati fit-30 ta' Mejju 2008 (C 133, p. 1, emenda li tikkonċerna s-subtitli 8528 90 00, 8528 71 13 u 8528 71 90), sabiex oġġett jiġi kklasifikat taħt il-kodiċi TARIC 8528 71 13 00?

(4) Liema hija l-funzjoni prinċipali tal-apparat magħruf bħala modulu separat TF6100DC, li skontu għandha ssir il-klassifikazzjoni tat-tariffa: ir-riċeviment tas-sinjali tat-televiżjoni jew anki l-użu ta' modem li jippermetti skambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-aċċess għall-internet?

(5) Jekk il-funzjoni prinċipali tal-apparat magħruf bħala modulu separat TF6100DC jikkonsisti fl-użu ta' modem li jippermetti skambju ta' informazzjoni interattiv għall-finijiet tal-aċċess għall-internet, it-tip ta' modulazzjoni u ta' demodulazzjoni operati mill-modem u t-tip ta' mowdem użat huwa importanti fid-dawl tal-klassifikazzjoni tat-tariffa, jew inkella huwa sempliċement meħtieġ li jippermetti li jkun hemm aċċess għall-internet?

(6) F'liema pożizzjoni u taħt liema kodiċi għandu jiġi kklassifikat apparat li jissodisfa d-deskrizzjoni tal-modulu TF6100DCC?

(7) Jekk modulu separat li jwieġeb għad-deskrizzjoni tal-modulu TF6100DCC jiġi kklassifikat taħt is-subtitlu NM 8521 90 00, il-ġbir tad-drittijiet tad-dwana b'rata pożittiva hija legali skont id-dritt Komunitarju, sa fejn imur kontra obbligi tal-Komunità taħt il-parti II(b) tal-Ftehim dwar il-kummerċ fil-prodotti ta' teknoloġija tal-informatika, taħt il-Ftehim Komunitarju fuq it-tariffi doganali u fuq il-kummerċ, jew il-klassifikazzjoni fil-pożizzjoni 8521 twassal sabiex jiġi konkluż li modulu separat, mudell TF6100DCC, jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati tal-Ftehim fuq it-tariffi doganali u fuq il-kummerċ?

(1) ĠU L 291, p. 1